MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 1124/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Nazzareno Buhagiar**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Nazzareno Buhagiar ta’ 38 sena, iben Joseph u Censina nee’ Baldacchino, imwieled Valletta nhar it-13 ta’ Ottubru, 1970 u residenti Flat 2, Freddie Nelly, Triq Notabile, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 442470(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fid-9 ta' Novembru, 2006, u jew fil-jiem ta' qabel, f' dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg u cioe' tlett bicciet deheb, konsistenti f' zewg crieket u brazzuletta li jiswew inqas minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu, liema deheb kien misruq, mehud b' qerq jew akkwistat b' reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b' kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew sabiex imexxih.

Akkuzat ukoll, talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ga instab hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Novembru, 2008 (esebit a folio 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-30 ta' April, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-30 ta' April, 2009 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggieh taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, Nazzareno Buhagiar ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghanduh/a tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Nazzareno Buhagiar ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b’ kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’ kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess Ufficjal tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------